

Il-Ġurnal Ufficijali L 134 I tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 66

22 ta' Mejju 2023

Werrej

II Atti mhux leġiżlattivi

REGOLAMENTI

- ★ Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kunsill (UE) 2023/986 tat-22 ta' Mejju 2023 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 359/2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fil-kuntest tas-sitwazzjoni fl-Iran 1

DEĊIJONIJIET

- ★ Deċiżjoni ta' Implantazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/987 tat-22 ta' Mejju 2023 li timplimenta d-Deċiżjoni 2011/235/PESK dwarf miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet fil-kuntest tas-sitwazzjoni fl-Iran 6

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat. It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

II

(Attie mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/986

tat-22 ta' Mejju 2023

li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 359/2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fil-kuntest tas-sitwazzjoni fl-Iran

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 359/2011 tat-12 ta' April 2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fil-kuntest tas-sitwazzjoni fl-Iran (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 12(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fit-12 ta' April 2011, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 359/2011.
- (2) Fil-25 ta' Settembru 2022, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ġareġ dikjarazzjoni fisem l-Unjoni li tikkundanna l-użu miffrux u sproporzjonat tal-forza mill-forzi tas-sigurtà Iranjani kontra dimostranti mhux vjolenti, filwaqt li tinnota li dan kien wassal għal imwiet u għal kbir ta' persuni midruba. Id-dikjarazzjoni spiegat ukoll li dawk responsabbi għall-qtil ta' Mahsa Amini jridu jinżammu responsabbi, u appellat lill-awtoritajiet Iranjani biex jiżguraw investigazzjonijiet trasparenti u kredibbli biex jiċċaraw l-għadd ta' persuni mejta u arrestati, biex jeħilsu lid-dimostranti mhux vjolenti kollha u biex jipprovdu processus ġust lid-detenu kollha. Barra minn hekk, id-dikjarazzjoni enfasizzat li d-deċiżjoni tal-Iran li jirrestrinġi severament l-aċċess għall-Internet u li jimblokka pjattaformi ta' messaġġi istantanji tikser il-libertà tal-espressjoni b'mod sfaċċat. Fl-aħħar nett, id-dikjarazzjoni stqarret li l-Unjoni ser tikkunsidra l-għażiż kollha għad-dispożizzjoni tagħha biex tindirizza l-qtil ta' Mahsa Amini u l-mod kif il-forzi tas-sigurtà Iranjani rreaġixxew għad-dimostrazzjoni li segwew.
- (3) F'dan il-kuntest, u fkonformità mal-impenn tal-Unjoni li tindirizza l-kwistjonijiet kollha ta' tħassib mal-Iran, fosthom is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, kif ikkonfermata fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2022, jenħtieġ li ħames persuni u żewġ entitajiet jiġu inklużi fil-lista ta' persuni fizże iċċi u għal miżuri restrittivi li jinsabu fl-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 359/2011.
- (4) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 359/2011 jiġi emendat skont dan,

¹) ĠU L 100, 14.4.2011, p. 1.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 359/2011 huwa emendat f'konformità mal-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikkazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Mejju 2023.

Għall-Kunsill

Il-President

J. BORRELL FONTELLES

ANNESS

Il-persuni u l-entitajiet li ġejjin jiżdiedu mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi stabbilita fl-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 359/2011:

Persuni

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
"222.	ADINEHVAND Salman سلمان آدینه وند	Funzjoni: Kmandant tat-Tehran Police Relief Unit tal-Law Enforcement Forces (LEF) tal-Iran Nazzjonalità: Iranjana Data tat-twelid: 20 ta' Mejju 1980 Post tat-twelid: Tehran, Iran Sess: raġel	Salman Adinehvand ilu l-Kmandant tal-Unità ta' Appoġġ għall-Pulizija ta' Tehran (Tehran Police Relief Unit) tal-Forzi ta' Infurzar tal-Liġi tal-Iran (LEF), l-organizzazzjoni ewlenja tas-sigurtà inkarigata mill-kontroll tal-folol u t-trażżeen tal-protesti, minn Jannar 2021. L-unità ta' Adinehvand kienet direttament responsabbi għat-trażżeen vjolenti tal-protesti f'Tehran f'Settembru u Ottubru 2022, li matulhom għexieren ta' dimostranti nqatlu mill-forzi tas-sigurtà bl-użu ta' munizzjon attiv. Huwa għalhekk responsabbi għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	22.5.2023
223.	AGHAMIRI Seyyed Mohammad Amin سید محمد امین آقامیری	Funzjoni: segretarju tas-Supreme Council of Cyberspace (SCC) tal-Iran Nazzjonalità: Iranjana Data tat-twelid: 21 ta' Settembru 1986 Post tat-twelid: Iran Sess: raġel	Seyyed Mohammad Amin Aghamiri huwa s-segretarju tal-Kunsill Suprem taċ-Ċiberspazju tal-Iran (Supreme Council of Cyberspace (SCC)), l-awtorità ċentralizzata għat-tfassil tal-politika fil-qasam taċ-ċiberspazju. L-SCC huwa responsabbi għall-imblukkar ta' pjattaformi popolari online tal-aħbarijiet u ta' komunikazzjoni fl-Iran u uża wkoll it-teknoloġija diġitali biex jispija l-ġurnalisti u d-dissidenti tar-reġim u jintimidahom. Huwa għalhekk responsabbi għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	22.5.2023
224.	NIKVARZ Mohsen	Funzjoni: prosekutur pubbliku ta' Sirjan Nazzjonalità: Iranjana Post tat-twelid: Iran Sess: raġel	Bħala l-prosekutur pubbliku ta' Sirjan, Mohsen Nikvarz kien responsabbi għal diversi arresti arbitrarji ta' avukati u pieni tal-mewt f'Sirjan matul il-protesti tal-2019. Fil-kuntest tal-protesti li faqqgħu f'Settembru 2022, Nikvarz kien involut ukoll mal-każz ta' Maryam Arvin, fejn harrikha għall-attivitajiet tagħha bħala avukat tad-difiża għad-dimostranti. Wara l-arrest tagħha, li Nikvarz huwa personalment responsabbi għalih, hija għiet ittorturata brutalment fil-ħabs. Nikvarz huwa għalhekk responsabbi għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	22.5.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
225.	MORADI Nader نادر مرادي	Funzjoni: Viċi Superviżur tal-Ispazji Pubbliċi tal-Public Security Police Grad militari: Kurunell Nazzjonalită: Iranjana Post tat-twelid: Iran Sess: raġel	<p>Fil-funzjoni attwali tiegħu bħala Viċi Superviżur tal-Ispazji Pubbliċi tal-Pulizija tas-Sigurtà Pubblika (Public Security Police), il-Kurunell Nader Moradi huwa responsabbi għall-infurzar tal-liġijiet dwar il-ħiġab. Dawk il-liġijiet intużaw mill-awtoritajiet Iranjani biex irażżnu d-dimostranti paċċifici.</p> <p>Moradi huwa responsabbi għall-persekuzzjoni u l-arrest ta' nisa għannuqqas ta' konformità mar-regoli dwar il-ħiġab. Huwa responsabbi wkoll għall-għeluq ta' negozji, ristoranti u spazji pubbliċi oħra b'rabbta man-nuqqas ta' infurzar tar-regoli dwar il-ħiġab, filwaqt li ffirma l-ittri li infurmawhom dwar l-għeluq tagħhom.</p> <p>Matul il-protesti li bdew f'Settembru tal-2022 u li ssoktaw għal diversi xhur, Moradi kien responsabbi wkoll għall-persekuzzjoni u l-arrest ta' sidien ta' ħwienet li għalqu n-negozji tagħhom u li kienu qed jippjanaw li jistrajkjaw bi protesta għall-mewt ta' Mahsa Amini.</p> <p>Moradi huwa għalhekk responsabbi għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.</p>	22.5.2023
226.	MONTAZER AL-MAHDI Saeed (magħruf ukoll bħala MONTAZER AL-MAHDI Said)	Funzjoni: kelliem tal-pulizija Grad militari: Brigadier General - Nazzjonalită: Iranjana Data tat-twelid: 8 ta' Novembru 1971 Post tat-twelid: Tehran, Iran Sess: raġel	<p>Saeed Montazer Al-Mahdi huwa l-kelliem tal-pulizija Iranjana (Forzi tal-Infurzar tal-Liġi (LEF) tal-Iran elenkti mill-UE).</p> <p>F'April 2023, huwa ħabbar l-infurzar strett attwali tal-liġijiet dwar l-ħiġab, li intużaw mill-awtoritajiet Iranjani biex irażżnu lid-dimostranti paċċifici. Fil-funzjoni tiegħu, huwa jiddefendi u jippromwovi l-azzjonijiet repressivi tal-pulizija.</p> <p>Id-dikjarazzjonijiet intimidanti tiegħu dwar il-monitoraġġ, l-għeluq tan-negozji u spazji pubbliċi oħra u l-messäġġi ta' twissija li qed jintbagħtu mill-awtoritajiet għandhom impatt repressiv sinifikanti ħafna. Barra minn hekk, fir-rawi tiegħu bħala kelliem tal-pulizija, huwa ripetutament imminimizza s-serjetà tal-avvelenamenti ta' bniet tal-iskola, li ġew irrappurtati b'mod estensiv, billi stqarr li "l-biċċa l-kbira" tagħhom "ma kinux veri" u b'hekk ċaħħad il-protezzjoni tal-vittmi permezz tal-pulizija u dghajnejef d-dritt tagħhom għas-sikurezza.</p> <p>Huwa għalhekk responsabbi għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.</p>	22.5.2023"

Entitajiet

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
"36.	Student Basij Organisation (SBO) studij d-danşejju (magħrufa ukoll bħala Student and Talabeh Basij)	Tip ta' entità: fergħa tal-Basij Organisation of the Islamic Revolutionary Guard Corps (IRGC) Post ta' regiżazzjoni: Iran Data ta' regiżazzjoni: Novembru 1989 Individwi assoċjati: Issa Zarepour Entitajiet assoċjati oħra: IRGC; IRGC Basij Organisation	L-iStudent Basij Organisation (SBO) hija fergħa fi ħdan il-Basij Organisation li taġixxi bħal l-infurzatrici vjolenti tal-IRGC fuq il-kampusijiet universitarji. L-SBO hija magħmula mill-iżgħar u l-aktar membri radikali tal-Basij li kienu partikolarmen attivi biex il-kampusijiet universitarji fejn l-istudenti pprottestaw isiru t-teatri ewlenin tar-repressjoni fil-ħarifa tal-2022. Matul tfittixxjet fuq għadd ta' kampusijiet universitarji, – inkluż fl-Università ta' Sharif, l-Università ta' Shahid Beheshti u l-Università ta' Amirkabir – il-forzi tas-sigurtà, inkluż l-SBO, użaw munizzjon attiv u fetħu n-nar fuq l-istudenti. Dan, flimkien ma' diversi rapporti ta' ħtif u tortura ta' studenti marbuta ma' dawn it-tfittixxjet, jikkonferma li l-SBO hija responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	22.5.2023
37.	IRGC Cooperative Foundation بنیاد تعاون سپاه پاسداران انقلاب اسلامی (magħrufa wkoll bħala IRGC Cooperation Bonyad; Bonyad Taavon Sepah; Bonyad-e Ta'avon-e; Sepah Cooperative Foundation)	Indirizz: Niayes Highway, Seoul Street, Tehran, Iran Tip ta' entità: fondazzjoni Post ta' regiżazzjoni: Iran Data ta' regiżazzjoni: 1989 Individwi assoċjati: Ali Asghar Nourouzi; Seyyed Amin Ala; Emami Tabatabai; Ahmad Hasan Karimi; Yahya Alaoddini Entitajiet assoċjati oħra: Islamic Revolutionary Guard Corps (IRGC)	L-IRGC ilu fuq quddiem nett fir-repressjoni tal-protesti fl-Iran minn Settembru 2022, li skont sorsi indipendenti rriżulta fil-mewt ta' aktar minn 520 persuna, inkluż il-mewt ta' aktar minn 70 minorenni u aktar minn 22 000 arrest/detenzjoni. Il-Fondazzjoni Kooperattiva tal-IRGC (IRGC Cooperative Foundation) hija l-korp responsabbli għall-ġestjoni tal-investimenti tal-IRGC u għaldaqstant hija responsabbli għall-finanzjament tar-repressjoni brutali tar-reġim. Hijha għalhekk responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	22.5.2023"

DEĊIJONIJIET

DEĊIJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2023/987

tat-22 ta' Mejju 2023

li timplimenta d-Deċiżjoni 2011/235/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet fil-kuntest tas-sitwazzjoni fl-Iran

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/235/PESK tat-12 ta' April 2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet fil-kuntest tas-sitwazzjoni fl-Iran (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fit-12 ta' April 2011, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2011/235/PESK.
- (2) Fil-25 ta' Settembru 2022, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ġareġ dikjarazzjoni f'isem l-Unjoni li tikkundanna l-użu mifrux u sproporzjonat tal-forza mill-forzi tas-sigurtà Iranjani kontra dimostranti mhux vjolenti, filwaqt li tinnota li dan kien wassal għal imwiet u għal għadd kbir ta' persuni midruba. Id-dikjarazzjoni stqarret ukoll li dawk responsabbi għall-qtıl ta' Mahsa Amini jridu jinżammu responsabbi, u appellat lill-awtoritajiet Iranjani biex jiżguraw investigazzjonijiet trasparenti u kredibbli biex jiċċaraw l-għadd ta' persuni mejta u arrestati, biex jehlsu lid-dimostranti mhux vjolenti kollha u biex jipprovdū proċess ġust lid-detenu kollha. Barra minn hekk, id-dikjarazzjoni enfasizzat li d-deċiżjoni tal-Iran li jirrestrinġi severament l-aċċess għall-Internet u li jimbllokka pjattaformi ta' messaġġi istantanji tikser il-libertà tal-espressjoni b'mod sfaċċat. Fl-aħħar nett, id-dikjarazzjoni stqarret li l-Unjoni ser tikkunsidra l-għażiex kollha għad-dispożizzjoni tagħha biex tindirizza l-qtıl ta' Mahsa Amini u l-mod kif il-forzi tas-sigurtà Iranjani irreaġixxew għad-dimostrazzjoni li segwew.
- (3) F'dan il-kuntest, u f'konformità mal-impenn tal-Unjoni li tindirizza l-kwistjonijiet kollha ta' tħassib mal-Iran, fosthom is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, kif ikkonfermat fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2022, jenħtieġ li ħames persuni u żewġ entitajiet jiġu inklużi fil-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi stabbiliti fl-Anness għad-Deċiżjoni 2011/235/PESK.
- (4) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2011/235/PESK tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness għad-Deċiżjoni 2011/235/PESK huwa emendat f'konformità mal-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-publikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

¹) ĠU L 100, 14.4.2011, p. 51.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Mejju 2023.

Għall-Kunsill

Il-President

J. BORRELL FONTELLES

ANNESS

Il-persuni u l-entitajiet li ġejjin jiżdiedu mal-lista ta' persuni u entitajiet li tinsab fl-Anness għad-Deċiżjoni 2011/235/PESK:

Persuni

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
"222.	ADINEHVAND Salman سلمان آدینه وند	Funzjoni: Kmandant tat-Tehran Police Relief Unit tal-Law Enforcement Forces (LEF) tal-Iran Nazzjonalità: Iranjana Data tat-twelid: 20 ta' Mejju 1980 Post tat-twelid: Tehran, Iran Sess: raġel	Salman Adinehvand ilu l-Kmandant tal-Unità ta' Appoġġ għall-Pulizija ta' Tehran (Tehran Police Relief Unit) tal-Forzi ta' Infurzar tal-Liġi tal-Iran (LEF), l-organizzazzjoni ewlenja tas-sigurtà inkarigata mill-kontroll tal-folol u t-trażżeen tal-protesti, minn Jannar 2021. L-unità ta' Adinehvand kienet direttament responsabbli għat-trażżeen vjolenti tal-protesti f'Tehran f'Settembru u Ottubru 2022, li matulhom għexieren ta' dimostranti nqatlu mill-forzi tas-sigurtà bl-użu ta' munizzjon attiv. Huwa għalhekk responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	22.5.2023
223.	AGHAMIRI Seyyed Mohammad Amin سید محمد امین آقامیری	Funzjoni: segretarju tas-Supreme Council of Cyberspace (SCC) tal-Iran Nazzjonalità: Iranjana Data tat-twelid: 21 ta' Settembru 1986 Post tat-twelid: Iran Sess: raġel	Seyyed Mohammad Amin Aghamiri huwa s-segretarju tal-Kunsill Suprem taċ-Ċiberspazju tal-Iran (Supreme Council of Cyberspace (SCC)), l-awtorità ċentralizzata għat-tfassil tal-politika fil-qasam taċ-ċiberspazju. L-SCC huwa responsabbli għall-imblukkar ta' pjattaformi popolari online tal-aħbarijiet u ta' komunikazzjoni fl-Iran u uża wkoll it-teknoloġija diġitali biex jispija l-ġurnalisti u d-dissidenti tar-reġim u jintimidahom. Huwa għalhekk responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	22.5.2023
224.	NIKVARZ Mohsen	Funzjoni: prosekutur pubbliku ta' Sirjan Nazzjonalità: Iranjana Post tat-twelid: Iran Sess: raġel	Bħala l-prosekutur pubbliku ta' Sirjan, Mohsen Nikvarz kien responsabbli għal diversi arresti arbitrarji ta' avukati u pieni tal-mewt f'Sirjan matul il-protesti tal-2019. Fil-kuntest tal-protesti li faqqgħu f'Settembru 2022, Nikvarz kien involut ukoll mal-każ ta' Maryam Arvin, fejn harrikha għall-attivitajiet tagħha bħala avukat tad-difiża għad-dimostranti. Wara l-arrest tagħha, li Nikvarz huwa personalment responsabbli għalih, hija għiet ittorturata brutalment fil-ħabs. Nikvarz huwa għalhekk responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	22.5.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
225.	MORADI Nader نادر مرادي	Funzjoni: Viċi Superviżur tal-Ispazji Pubbliċi tal-Public Security Police Grad militari: Kurunell Nazzjonalità: Iranjana Post tat-twelid: Iran Sess: raġel	<p>Fil-funzjoni attwali tiegħu bħala Viċi Superviżur tal-Ispazji Pubbliċi tal-Pulizija tas-Sigurtà Pubblika (Public Security Police), il-Kurunell Nader Moradi huwa responsabbi għall-infurzar tal-liġijiet dwar il-ħiġab. Dawk il-liġijiet intużaw mill-awtoritajiet Iranjani biex irażżnu d-dimostranti paċċifici.</p> <p>Moradi huwa responsabbi għall-persekuzzjoni u l-arrest ta' nisa għann-nuqqas ta' konformità mar-regoli dwar il-ħiġab. Huwa responsabbi wkoll għall-għeluq ta' negozji, ristoranti u spazji pubbliċi oħra b'raba man-nuqqas ta' infurzar tar-regoli dwar il-ħiġab, filwaqt li ffirma l-ittri li infurmawhom dwar l-għeluq tagħhom.</p> <p>Matul il-protesti li bdew f'Settembru tal-2022 u li ssoktaw għal diversi xhur, Moradi kien responsabbi wkoll għall-persekuzzjoni u l-arrest ta' sidien ta' ħwienet li għalqu n-negozji tagħhom u li kienu qed jippjanaw li jistrajkjaw bi protesta għall-mewt ta' Mahsa Amini.</p> <p>Moradi huwa għalhekk responsabbi għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.</p>	22.5.2023
226.	MONTAZER AL-MAHDI Saeed (magħruf ukoll bħala MONTAZER AL-MAHDI Said)	Funzjoni: kelliem tal-pulizija Grad militari: Brigadier General - Nazzjonalità: Iranjana Data tat-twelid: 8 ta' Novembru 1971 Post tat-twelid: Tehran, Iran Sess: raġel	<p>Saeed Montazer Al-Mahdi huwa l-kelliem tal-pulizija Iranjana (Forzi tal-Infurzar tal-Liġi (LEF) tal-Iran elenkti mill-UE).</p> <p>F'April 2023, huwa ħabbar l-infurzar strett attwali tal-liġijiet dwar l-ħiġab, li intużaw mill-awtoritajiet Iranjani biex irażżnu lid-dimostranti paċċifici. Fil-funzjoni tiegħu, huwa jiddefendi u jippromwovi l-azzjonijiet repressivi tal-pulizija.</p> <p>Id-dikjarazzjoni intmidanti tiegħu dwar il-monitoraġġ, l-għeluq tan-negozji u spazji pubbliċi oħra u l-messaġġi ta' twissija li qed jintbagħtu mill-awtoritajiet għandhom impatt repressiv sinifikanti ħafna. Barra minn hekk, fir-rwol tiegħu bħala kelliem tal-pulizija, huwa ripetutament imminimizza s-serjetà tal-avvenimenti ta' bniet tal-iskola, li ġew irrappurtati b'mod estensiv, billi stqarr li "l-biċċa l-kbira" tagħhom "ma kinux veri" u b'hekk ċaħħad il-protezzjoni tal-vittmi permezz tal-pulizija u dghajnejf d-dritt tagħhom għas-sikurezza.</p> <p>Huwa għalhekk responsabbi għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.</p>	22.5.2023"

Entitajiet

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
"36.	Student Basij Organisation (SBO) بُسْجِ دَانِشْجُوْنِي (magħrufa ukoll bħala Student and Talabeh Basij)	Tip ta' entità: fergħa tal-Basij Organisation of the Islamic Revolutionary Guard Corps (IRGC) Post ta' reġistrazzjoni: Iran Data ta' reġistrazzjoni: Novembru 1989 Individwi assoċjati: Issa Zarepour Entitajiet assoċjati oħra: IRGC; IRGC Basij Organisation	L-iStudent Basij Organisation (SBO) hija fergħa fi ħdan il-Basij Organisation li taġixxi bħal l-infurzatriċi vjolenti tal-IRGC fuq il-kampusijiet universitarji. L-SBO hija magħmula mill-iżgħar u l-aktar membri radikali tal-Basij li kienu partikolarmen attivi biex il-kampusijiet universitarji fejn l-istudenti pprottestaw isiru t-teatri ewlenin tar-repressjoni fil-ħarifa tal-2022. Matul tfittxjiet fuq għadd ta' kampusijiet universitarji, – inkluż fl-Università ta' Sharif, l-Università ta' Shahid Beheshti u l-Università ta' Amirkabir – il-forzi tas-sigurtà, inkluż l-SBO, użaw munizzjon attiv u fetħu n-nar fuq l-istudenti. Dan, flimkien ma' diversi rapporti ta' ħtif u tortura ta' studenti marbuta ma' dawn it-tfittxjiet, jikkonferma li l-SBO hija responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	22.5.2023
37.	IRGC Cooperative Foundation بنیاد تعاون سپاه پاسداران انقلاب اسلامی (magħrufa wkoll bħala IRGC Cooperation Bonyad; Bonyad Taavon Sepah; Bonyad-e Ta'avon-e; Sepah Cooperative Foundation)	Indirizz: Niayes Highway, Seoul Street, Tehran, Iran Tip ta' entità: fondazzjoni Post ta' reġistrazzjoni: Iran Data ta' reġistrazzjoni: 1989 Individwi assoċjati: Ali Asghar Nourouzi; Seyyed Amin Ala; Emami Tabatabai; Ahmad Hasan Karimi; Yahya Alaoddini Entitajiet assoċjati oħra: Islamic Revolutionary Guard Corps (IRGC)	L-IRGC ilu fuq quddiem nett fir-repressjoni tal-protesti fl-Iran minn Settembru 2022, li skont sorsi indipendenti rriżulta fil-mewt ta' aktar minn 520 persuna, inkluż il-mewt ta' aktar minn 70 minorenni u aktar minn 22 000 arrest/detenzjoni. Il-Fondazzjoni Kooperattiva tal-IRGC (IRGC Cooperative Foundation) hija l-korp responsabbli għall-ġestjoni tal-investimenti tal-IRGC u għaldaqstant hija responsabbli għall-finanzjament tar-repressjoni brutali tar-reġim. Hijha għalhekk responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	22.5.2023"

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)



L-Ufficċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea
L-2985 il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT